MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1780/2000/1

**MIDDLE SEA INSURANCE p.l.c.**

**vs**

**FALCOTRANS LIMITED u M. D. Trucking Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 t'Awissu, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi fil-kwalita' tagħha msemmija talbet li l-Qorti ssib lill-kumpanniji mħarrkin, jew lil min minnhom, responsabbli għat-telf f'merkanzija miġjuba Malta minn assikurat tagħha, u li tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha s-somma ta' Lm5800 li hija ikkumpensat lill-assikurat tagħha minħabba dak it-telf;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka Falcotrans Limited fil-31 ta' Ottubru, 2000, li biha

laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li hija m'hijiex responsabbli u m'għandha ebda ħtija għall-allegat danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited fil-31 ta' Ottubru, 2000, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li hija m'hijiex responsabbli u m'għandha ebda ħtija għall-allegat danni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Diċembru, 2000[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet dwar il-każ;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-kumpanniji rispettivi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hi kawża dwar kumpens għal telf li sar f'merkanzija waqt il-ġarr tagħha fuq bastiment. Il-kumpannija attriċi kienet assikurat lill-kumpannija kunsinnatarja tal-merkanzija kontra dan it-telf. Hija għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-assikurata tagħha. Issa hija qegħda tfittex għall-kumpens lill-kumpanniji mħarrka li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-ġarr tal-merkanzija assikurata;

Illi ż-żewġ kumpanniji mħarrka ċaħdu li huma għandhom xi responsabbilta' lejn il-kumpannija attriċi għal dak li seħħ;

Illi mi ll-fatti li wasslu għal din il-kawża jirriżulta mill-atti li l-kumpannija Maltija Strand Palace Agencies Limited ('il

[1] Paġ. 20 tal-proċess

quddiem imsejħa "SPA"), f'xi żmien matul l-1999, ordnat kunsinna ta' prodotti tal-ikel – supressati u iġbna – tad-Ditta *Galbani* li kellha tinġarr lejn Malta ġo *refrigerated truck* fuq il-bastiment *M.v. Maltese Falcon* tal-kumpannija Sea Malta. SPA kellha arranġament mal-kumpannija mħarrka Falcotrans Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "FL") biex il-kunsinni ta' prodotti tagħha iġġorrhomlha hi[2]. Kemm hu hekk, Galbani S.P.A. kienet tgħarraf lil FL u din tipprovdi l-mezzi xierqa għall-ġarr tal-merkanzija;

Illi dwar l-imsemmija kunsinna, SPA kienet talbet u nħarġitilha polza ta' assikurazzjoni mill-kumpannija attriċi. Billi FL ma kinitx f'qagħda li tibgħat *refrigerated trailer* biex fih titgħabba l-merkanzija, fis-27 ta' Awissu, 1999[3], qabbdet lill-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "MDT") biex tgħabbih fi *trailer* ta' kumpannija taljana[4] li MDT kienet qegħda tgħabbi għal bosta destinatarji f'Malta. Il-kunsinna nġarret mingħand id-ditta speditriċi minn Formigaro minn vettural imqabbad minn MDT[5] u tgħabbiet f'*reefer container* RC3398 flimkien ma' kunsinni ta' prodotti tal-ikel destinati għal riċevituri oħrajn[6]. Il-merkanzija telqet mill-port ta' Ġenova, fl-Italja, u waslet Malta fit-30 ta' Awissu, 1999. Minħabba li SPA ma kienx għad kellha l-karti lesti biex tirtira l-merkanzija meta din waslet Malta[7], meta l-merkanzija nħattet minn abbord, ittieħdet ġot-*trailer* li kienet għadha fih għal ġo maħżen f'Ħal Far tal-MDT biex l-għada SPA tkun tista' tirtiraha. Magħha ttieħdet ukoll kunsinna li kienet tagħmel parti mit-tagħbija tal-istess *reefer container* imma li kienet ta' kumpannija destinatarja oħra[8]. Bejn il-waqt meta t-*trailer* iddaħħal fil-maħżen sal-ewwel ta' Settembru, 1999, ittieħed il-qari tat-temperatura tiegħu bosta drabi[9];

Illi meta l-kumpannija SPA ġiet biex tirtira l-merkanzija, irriżulta li l-mitejn u tmenin (280) kartuna kienu qatgħu u l-prodotti ma kinux tajbin aktar biex jittieklu[10]. Kien hemm

[2] Xhieda ta' Michael Micallef 1.11.2001, f'paġġ. 38-9 tal-proċess
[3] Dok "PB", f'paġ. 153 tal-proċess
[4] Skond ix-xhieda ta' Anton Ferris 23.4.2004, f'paġ. 131 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Peter Busuttil 28.4.2005, f'paġ. 159 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Anton Ferris 17.5.2002, f'paġ. 50 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Anton Ferris 17.5.2002, f'paġ. 52 tal-proċess
[8] Dok "GG", f'paġ. 70 tal-proċess
[9] Dokti. "MD" u "AF10", f'paġġ. 59 u 115 tal-proċess
[10] Dok f'paġ. 6 tal-proċess

problema minħabba t-temperatura li l-kunsinna suppost inżammet fiha biex il-prodott iżomm. Meta sar eżami tal-prodotti fl-1 ta’ Settembru, 1999, irriżulta[11] li l-prodotti kienu qegħdin jagħtu qari ta’ temperatura ta’ ’l fuq minn tletin grad Ċelsjus (30°Ċ) minflok l-erbgħa gradi (4°Ċ) jew ħames gradi (5°Ċ) li suppost inżammew fiha. L-awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika f’Malta kienu ordnaw il-qerda tal-kunsinna kollha. Din inqerdet fil-5 ta’ Novembru, 1999, taħt is-superviżjoni ta’ uffiċjali tad-Dipartiment[12];

Illi sadattant, SPA kienet ressqet ukoll talba għall-kumpens mal-kumpanija attriċi assikuratriċi tagħha. Din ħallset ħamest elef u tmin mitt lira Maltija (Lm 5800) għas-saldu f’kumpens lill-assikurata tagħha minħabba fit-telf imġarrab[13]. Mal-ħlas, fi Frar tal-2000, il-kumpannija assikurata SPA issurrogat lill-kumpannija attriċi fil-jeddijiet tagħha dwar il-ħsara mġarrba[14]. Il-kawża nfetħet f’Awissu tal-2000;

Illi l-<u>konsiderazzjoni ta’ dritt marbuta mal-każ</u> hija dik li ssib jekk kienx hemm xi sura ta’ responsabbilta’ min-naħa tal-imħarrkin jew min minnhom għat-telf imġarrab mill-kunsinnatarju u li tiegħu għamlet tajjeb il-kumpannija attriċi;

Illi minn dak li joħroġ mill-provi, jidher li ħadd ma jmieri l-fatt li l-kunsinna destinata lill-kumpannija assikurata SPA ġarrbet ħsara li għamlitha mhux tajba aktar biex tinbiegħ. Lanqas ma jidher li hemm xi kontestazzjoni dwar il-kawża ta’ dan it-telf – jiġifieri li t-temperatura li fiha nżammet il-kunsinna ma kinitx dik li kellha tkun. Il-ħlas ta’ kumpens mogħti mill-kumpannija attriċi lill-assikurata tagħha SPA ma ġiex lanqas kontestat. Hemm provi oħra li juru li l-istess kontejner tgħabba xi jiem wara b’merkanzija oħra (għeneb) li nġiebet Malta fuq bastiment ieħor tas-Sea Malta[15];

[11] Survey report Dok “MH”, f’paġ. 31 tal-proċess
[12] Dok f’paġ. 5 tal-proċess
[13] Dokti. f’paġġ. 8-9 tal-proċess
[14] Dok f’paġ. 7 tal-proċess
[15] Dokti “RD” u “AF11”, f’paġġ. 97 u 116 tal-proċess

Illi jidher ukoll li n-nuqqas seħħ wara li l-merkanzija kienet tniżżlet mill-bastiment u waqt li kienet miżmuma fil-*bond* tal-MDT, tant li merkanzija oħra li kienet fit-*trailer*, ġiet irtirata mir-rispettivi kunsinnatarji bal ebda problema jew ħsara. Jidher li, merkanzija oħra li nżammet fl-istess *trailer* ma' dik ta' SPA ukoll ġarrbet ħsara u nżammet mill-awtoritajiet sanitarji[16];

Illi jirriżulta li sa minn meta t-*trailer* iddaħħal fil-maħżen ta' MDT kien qiegħed jingħata attenzjoni minn impjegati tagħha. L-operatur tad-depożit f'isem MDT kien Mark Ferris li ħa aktar minn qari wieħed tat-temperatura tat-*trailer* u li kien hu li talab lil impjegat ieħor tal-kumpannija mħarrka biex imur jimla t-tank tat-*trailer* bid-*diesel* ħalli jkun hemm biżżejjed karburant biex il-mutur li jkessaħ tat-*trailer* jibqa' għaddej[17]. Ħadd għajr MDT ma kien mogħti s-setgħa li jeżamina t-*trailer* jew li jfornih bil-*fuel*[18];

Illi mill-provi jirriżulta li l-merkanzija iddaħħlet fil-maħżen mal-wasla tagħha f'Malta, u ma tneħħietx minn hemm ġewwa sa ma ttieħdet biex tinqered wara li l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika sabu li kienet marret. Matul dak iż-żmien, kienet inżammet f'parti tal-maħżen f'idejn MDT li ma jista' jidħol ħadd fih għajr l-impjegati tagħha, fizzjali tad-Dwana u uffiċjali sanitarji. Il-merkanzija kienet, għalhekk, fil-kontroll sħiħ ta' MDT u ta' dan hija fil-fatt kienet tippretendi li titħallas, kif fil-fatt sar. Dan jgħodd ukoll għall-ġarr tal-istess merkanzija minn dak il-ħin li aċċettat il-ħatra mogħtija lilha minn FT[19] F'dak il-mument, għalhekk, l-MDT ikollha s-sura ta' depożitarja tal-ħwejjeġ tar-riċevituri[20]. F'dan il-każ, għalhekk, hija tkun marbuta li tieħu ħsieb dawk il-ħwejjeġ daqslikieku kienu ħwejjiġha[21], aktar u aktar la titħallas talli tagħmel dan[22]. Dan iġib miegħu l-effett li hija trid turi l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-twettiq tal-obbligazzjoni mnissla mid-depożitu[23];

---

[16] Xhieda ta' Godfrey Grima 5.11.2002, f'paġ. 72 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Ray Grech 5.11.2002, f'paġ. 75 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Anton Ferris 23.4.2004, f'paġ. 133 tal-proċess
[19] Artt. 1628 u 1630 tal-Kap 16
[20] Ara, per eżempju, P.A. PS **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Limited noe vs The Cargo Handling Co. Limited***
[21] Art. 1899 tal-Kap 16
[22] Art. 1900(1)(b) tal-Kap 16
[23] Art. 1900(2) moqri mal-art. 1132(1) tal-Kap 16

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-għaqal fit-twettiq tad-dmirijiet tal-MDT fiċ-ċirkostanzi kien jitlob li, meta l-merkanzija għaddiet f'idejha bħala *handler*, hija kellha tara (permezz tal-funzjonarji mqabbdin minnha) li, mill-waqt li ħadet il-pussess tal-merkanzija sa ma rħietha f'idejn ir-riċevitur, ma jkun ġara xejn li bidel il-kundizzjoni tagħha. Jekk intwera li l-merkanzija ddaħħlet għandha bla nuqqas u ħarġet b'nuqqas, il-loġika turi li l-ħsara seħħet sakemm il-merkanzija kienet taħt l-għassa tagħha. Jekk, min-naħa l-oħra, l-merkanzija kellha nuqqasijiet meta waslet għandha u ma dehrilhiex li kellha tinnota dan il-fatt, tgħabbiet bil-ħtija ta' dan in-nuqqas ukoll. Fiż-żewġ ipoteżi, il-Qorti tqis li din l-imġiba bħala ksur tal-grad ta' diliġenza mistenni mill-kumpannija mħarrka MDT;

Illi l-fatt li, għal xi raġuni, t-temperatura tat-*trailer* ma nżammitx kif messha kienet, turi li naqset waħda miċ-ċirkostanzi ewlenin u kruċjali tal-kuntratt tad-depożitu. Ray Grech jittanta jagħti raġunijiet[24] dwar x'seta' wassal biex seħħ dan, imma jibqa' l-fatt ukoll li l-istess *trailer* reġa' tgħabba u ntuża wara ftit tal-jiem biex ġab lejn Malta merkanzija alimentari lejn Malta li wkoll kien jeħtieġ li tinżamm f'temperatura xierqa. Huwa sinjifikativ li kienet il-kumpannija mħarrka MDT nnifisha li ressqet dawn il-provi u xhud[25] biex juru li t-*trailer* ma kellu l-ebda ħsara teknika fil-mod kif kien jaħdem. Dawn il-fatti jsaħħu aktar il-fehma li dak li seħħ ma kienx it-tħaddim mekkaniku ħażin tat-*trailer*, imma nuqqas ta' superviżjoni xierqa tiegħu waqt li kien taħt ir-responsabbilta' tal-kumpannija mħarrka MDT;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka FL qanqal l-argument li l-merkanzija setgħet telqet bi ħsara mill-ispeditur fl-Italja qabel ma beda l-vjaġġ. Din kienet biss konġettura li ma ġiet bl-ebda mod pruvata. Minkejja dan, lanqas il-kumpannija l-oħra mħarrka MDT ma qanqlet din il-kwestjoni, u l-provi mressqa juru li l-ħsara seħħet sakemm il-merkanzija damet tistenna fil-maħżen sakemm tiġi irtirata mid-destinatarja;

[24] Xhieda tiegħu 5.11.2002, f'paġ. 76 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Anton Ferris 22.9.2003, f'paġ. 118 tal-proċess

Illi, biex MDT setgħet teħles mir-responsabbilta' ta' dak li seħħ, riedet turi li l-ħsara ġrat b'aċċident jew b'forza maġġuri jew inkella minħabba l-għamil ta' terz. L-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi ma rriżultaw, u l-fatt "misterjuż" li l-mutur tal-friża tat-*trailer* seta' ntefa' minn xi persuna mhix magħrufa ma jneħħix din ir-responsabbilta'. Huwa prinċipju fil-qasam tad-dritt dwar likwidazzjoni tad-danni, li d-difiża tat-terza persuna mhux magħrufa ma tneħħix il-ħtija minn fuq min kien jagħti għall-għamil dannuż[26];

Illi jifdal il-kwestjoni jekk il-ħtija ta' dak li ġara għandhiex tintrefa' minn waħda mill-kumpanniji mħarrka jew inkella mit-tnejn. Kif jargumenta l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi, l-assikurata SPA kienet taħdem mal-imħarrka FL għall-ġarr tal-merkanzija li hija timporta f'Malta. Għal raġunijiet diġa' msemmija, FL qabbdet lil MDT bħala sub-appaltatur tagħha biex tieħu ħsieb il-ġarr ta' dik il-merkanzija. Mill-ħin li MDT aċċettat it-talba u kien hemm saħansitra ftehim dwar it-tariffa, FL ma kellha x'taqsam xejn aktar mal-kunsinna u kienet MDT li għarrfet lil SPA bil-wasla tal-merkanzija f'Malta. Huwa minnu li SPA kienet qabbdet lil FL u kienet taf lilha, imma f'dan il-każ, jidher li (għallanqas mal-wasla tal-merkanzija f'Malta) SPA kienet saret taf li l-ġarr u l-ħażna kienu afdati f'idejn MDT. Min-naħa l-oħra, l-kumpannija attriċi ma wriet bl-ebda mod li l-kumpannija mħarrka FL kienet b'xi mod traskurata jew naqset minn dmirijietha b'mod li wassal biex ikkawżat jew ikkontribwiet għall-ħsara tal-merkanzija;

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li FL ma tistax titgħabba bir-responsabbilta' għall-ħsara mġarrba minn SPA. u li l-ħtija waħdanija ta' dak li seħħ għandha taqa' fuq il-kumpannija mħarrka MDT;

Illi dwar il-ħsara mġarrba, jirriżulta li d-dokumentazzjoni mressqa turi sewwa x'kienet l-ordni li saret minn SPA u kemm kien il-valur tal-merkanzija ordnata. Billi xejn mill-imsemmija kunsinna ma ġie salvat u kellha tinqered kollha, ma jibqa' l-ebda dubju li l-kumpens li l-kumpannija

---

[26] P.A. TM **25.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr.Remigio Żammit Paċe noe vs Reginald Fava noe et***

assikuratriċi attriċi ħallset lill-assikurata tagħha SPA kien tassew dovut;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi tiddikjara li l-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited kienet waħedha taħti għall-ħsara mġarrba mis-soċjeta' assikurata Strand Palace Agencies Limited fil-merkanzija li nġabet f'Malta fit-30 ta' Awissu, 1999, fuq il-bastiment *M.v. Maltese Falcon*, u dan billi naqset li twettaq id-dmirijiet tagħha biex tiżgura li l-merkanzija tinżamm f'kundizzjoni tajba;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u qegħda tillikwida d-dannu li l-kumpannija assikuratriċi attriċi għamlet tajjeb għalih mal-assikurata tagħha minħabba l-imsemmi telf fis-somma ta' ħamest elef u tmin mitt lira Maltija (Lm 5,800), li l-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited trid tagħmel tajjeb għalih;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef u tmin mitt lira maltin (Lm 5,800) rappreżentanti l-valur tal-merkanzija meqruda u d-dannu likwidat;

Billi ma ntweriex li l-kumpannija l-oħra mħarrka Falcotrans Limited kienet taħti għall-ħsarat li seħħew, **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha**; u

Fiċ-ċirkostanzi, tikkundanna lill-kumpannija mħarrka M.D. Trucking Limited tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża,** flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'din is-sentenza b'effett mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------